**MINUTI**

## Laqgħa tar-Reġjun Ċentru

## Laqgħa Nru. 73/2016

Data: It-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

Preżenti:
Michael Fenech Adami – *President*
Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*
Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*
Magda Magri Naudi – *Sindku Ħal Lija*
Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*
Andre' Grech – *Viċi Sindku Ħal Balzan*
Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*
Maximillian Zammit – *Sindku Ta' Xbiex*

Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*
Stefan Cordina– *Viċi President*
Keith Tanti – *Sindku tal-Pietà'*
Anthony Dalli –*Sindku l-Iklin*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*

Assenti: Ħadd

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Id-Direttur tad-Dipartiment, is-Sur Adrian Mifsud;
6. Id-Direttur Eżekuttiv mill-kumpanija Lornit – is-Sur Stephen Zammit
7. Mistoqsijiet;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Affarijiet Oħra;
10. Aġġornament.

## Minuti - 73/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

### 1. Id-Direttur tal-Gvern Lokali, Is-Sur Adrian Mifsud

1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri sabiex jibdew bl-item numru ħamsa fuq l-aġenda peress li d-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud, kien diġà preżenti.

1.2 Il-President spjega kif il-ġurnata ta' qabel, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, kienu mistidnin għand l-uffiċċju tas-Segreterju Parlamentari, Dott. Stefan Buontempo, għal sezzjoni ta' informazzjoni fuq inizjattiva ġdida li għandha tkun tajba bħala Reġjun u peress li is-Sur Mifsud kien ser ikun preżenti, din il-laqgħa ser isservi wkoll sabiex tingħata informazzjoni.

1.3 Is-Sur Adrian Mifsud irringrazzja lill-President u lil kulħadd tal-istedina u spjega kif wara l-laqgħa annwali li għaliha hu kien preżenti, jerġa' jkollu opportunita' sabiex jiltaqa' mal-membri tar-Reġjun.

1.4 Is-Sur Mifsud spjega kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien mas-Segretarju Parliamentari qegħdin jaħdmu sabiex ir-Reġjuni jisaħħu u jingħata skop ġdid lir-Reġjun. Dan ser iseħħ bl-ewwel miżura fejn ir-Reġjun ser ikun qiegħed jaħdem fuq pjan strutturali. Għal dan il-għan, is-Sur Mifsud spjega li l-Kumitati Reġjonali għandhom ikollhom rwol ġdid billi jidħlu fi tliet oqsma – l-oqsma ekonomiċi, soċjali u kulturali rar-Reġjun. Dan ser iservi ta' għajnuna sabiex ċertu xogħol li qed isir fuq livell lokali jkun jista' jinkiseb.

1.5 Is-Sur Mifsud żied jgħid li ser jiġi iffirmat memorandum of understanding ma' kull Reġjun sabiex jitħejja pjan fuq dawn it-tliet aspetti. Għal din l-inizjattiva kull Reġjun ser ikollu €20,000 fejn €18,000 ser jintnefqu sabiex isir rapport u €2,000 sabiex ikun hemm marketing.

1.6 Madankollu ser tingħata għajnuna lis-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni sabiex tkun tista' tinħareg sejħa għall-offerti għal dan il-għan.

1.7 Is-Sur Mifsud spjega li huma qegħdin jitolbu kull Reġjun sabiex jaħdem fuq pjan tanġibbli u l-inizjattivi jkunu jistgħu jitwettqu sabiex fl-aħħar mill-aħħar ikunu qegħdin jaqdu l-politika nazzajonali ta' tliet aspetti fil-lokalitajiet tagħna.

1.8 Is-Sur Mifsud sostna li l-pjan għandu jkun uniformi u d-Dipartiment għandu jkollu copyright tar-rapport sabiex l-informazzjoni miġbura tkun tista' terġa' tintuża għall-proġetti oħra fil-futur.

***6:30pm – Wasal is-Sindku ta' T' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, għal din il-laqgħa.***

1.9 Is-Sur Mifsud żied jgħid li dawn l-inizjattivi finanzjarji ser jaħdmu permezz ta' *time lines*.

1.10 Is-Sur Mifsud staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet mingħand il-membri preżenti.

1.11 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, staqsa kif fil-filmat li kien intwera kemm hemm l-involviment mir-residenti imma umbagħad waqt l-ispjegazzjoni is-Sur Mifsud daħħal it-tema ta' nies li huma esperti bħal pereżempju, fir-renewable energy. Għal din ir-raġauni, is-Sur Radmilli staqsa x'inhu l-għan. Jekk wieħed għandux imur għand ir-residenti u jara l-bżonn x'inhu jew jekk hemmx bżonn li jkun hemm persuna esperta fuq ir- renewable energy u jsir rapport, peress li dawn huma żewġ affarijiet differenti.

1.12 Is-Sur Mifsud spjega kif l-espert imqabbad m'għandux jintefa' fl-uffiċċju u jagħmel rapport imma għandu jsir rapport fuq livell lokali. Is-Sur Mifsud qal li jekk wieħed jieħu l-każ tar-renewable energy, ir-Reġjun għandu jara hux l-aħjar jgħin lill-komunità billi postijiet pubbliċi bħal ġonna, latrini pubbliċi, ikunu qed jaħdmu b'din is-sistema. Hu tenna jgħid li l-involviment tan-nies huwa tassew importanti u aktar ma l-espert ikun *engaged* fuq livell komunitarju (bħal billi jsiru laqgħat mill-Kunsill mar-residenti) aktar ser ikun hemm ideat aħjar.

1.13 Peress li ma kienx hemm aktar mistqosijiet, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazja lis-Sur Adrian Mifsud talli għoġbu jattendi u ta din l-informazzjoni u ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex kulħadd jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

## 2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Kumpanija Lornit, Is-Sur Stephen Zammit

2.1 Il-President is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri sabiex jistiednu lis-Sur Stephen Zammit mill-kumpanija Lornit, sabiex il-membri jkollhom l-opportunità li jistaqsu d-domandi li tressqu fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun.

2.2 Is-Sur Fenech Adami spjega li dan ir-Reġjun iħoss li kull Kunsill Lokali għandu jkollu l-programm tal-permessi u għal din ir-raġuni huwa stieden lill-membri sabiex iressqu l-mistoqsijiet tagħhom.

2.3 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, staqsa jekk is-sistema tibblukkax it-Toroq li jkun hemm madwar dik it-Triq li fiha jkun ingħata l-permess. Staqsa wkoll jekk is-sistema tagħtix id-drezzjoni ta' kif ikollu jgħaddi t-traffiku wara li jkun inħareġ permess fejn ikun hemm bżonn li tingħalaq it-Triq.

2.4 Is-Sur Stephen Zammit spjega li jekk ikun hemm tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku, huwa r-responsabiltà tal-Kunsill Lokali li jirranġa s-sistema u jekk ikun hemm triq *boundary*, irid ikun hemm deċizjoni bejn dawk iż-żewġ lokalitajiet. Hu żied jgħid li s-sistema timxi fuq bazi ta' *first come first served*.

2.5 Il-Kunsilli ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, spjega li l-bżonn importanti huwa li jkun hemm direzzjoni spjegata ta' kif ser tkun ir-rotta hekk kif triq tkun ingħalqet minħabba permess.

2.6 Is-Sur Zammit spjega li is-sistema tagħtik il-faċilita biex tissettjaha mbagħad dejjem timxi fuq dik l-ordni.

2.7 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech staqsa jekk il-prezz biex tinxtara hux l-istess għal kull Kunsill Lokali peress li f'kunsill zgħir bħal tiegħu ma jinħarġux ammonti kbar ta' permessi daqs il-Kunsilli l-oħra bħal tas-Sliema u Birkirkara.

2.8 Is-Sur Zammit ikkonferma li l-prezz jibqa' l-istess għal kulħadd.

2.9 Is-Sur Fenech Adami spjega li r-Reġjun kien qed jaħseb biex jekk jara li kulħadd interessat li japplika għal din is-sistema, ir-Reġjun ikun jista' jagħti ammont sabiex jgħin.

***19:13 hrs – Is-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, talab li jkun skużat peress li kellu laqgħa oħra li kellu jattendi.***

2.10 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, staqsa lis-Sur Zammit għalfejn huwa jaħseb li din hija sistema effiċjenti.

2.11 Is-Sur Zammit spjega li din hija sistema diġitali u r-rapport joħroġ mill-ewwel. Apparti minn hekk, jekk wieħed ikollu aċċess għas-sistema bħala Reġjun, kull persuna tkun tista' tara l-istampa kolha u mhux tal-Kunsill tagħha biss. Kif ukoll ħa tgħin biex dak li jkun isir jaf x'permessi qegħdin jinħarġu.

2.12 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet, is-Sur Michael Fenech Adami rringrazzja lis-Sur Zammit talli laqa' l-istedina tagħna għal darb'oħra.

## 3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**3.1** Il-minuti tas-Seduta Nru 72 li saret nhar il-Ħamis 19 ta' Lulju 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

**3.2** Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, xtaq jagħmel korrezzjoni fuq il-punt numru 3.1. Hu spjega li ma kienx kontra l-mobile toilets però hu xtaq jispjega l-problema li l-Kunsilli Lokali ta' tas-SLiema kellu meta kien poġġa dawn il-mobile toilets.

**3.3** Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, ippropona li dawk il-lokalitajiet li fix-xhur tas-sajf m'għandhomx bżonn li jpoġġu mobile toilet fil-lokalità tagħhom, għandhom jitħallsu għal dawk il-mobile toilets li jitpoġġew waqt il-festa tar-raħal jew avveniment ieħor.

**3.4** Is-Sur Paul Radmilli xtaq jiġbed punt ta' attenzjoni li fil-laqgħa

preċedenti kienu tkellmu dwar il-bye laws u xi ħadd mill-membri kien issuġġerixxa li l-membri għandhom jiltaqgħu bejniethom u jaraw x'bye laws komuni hemm bejn il-lokalitajiet ta' dan ir-Reġjun sabiex imbagħad ir-Reġjun ikun jista' jiffinanzja l-ispejjeż ta l-avukat.

3.5 Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex issir laqgħa bejn il-membri sabiex jibdew jiltaqgħu u jaħdmu fuq dawn il-byelaws.

3.6 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

## 4. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li fuq deċiżjoni li kienet ittieħdet fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, l-avukat bagħat numru ta' ittri legali fuq dawk il-kontravenzjonijiet li jammontaw sa' €50 kif ukoll dawk tas-sigaretti u skart. Dan ir-Reġjun ġabar is-somma ta' €42,804,63.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, żiedet tgħid li kien hemm diversi nies li avviċinaw lir-Reġjun dwar il-multi tas-sigaretti. Ħafna minn dawn il-kontravenzjonijiet ser jitħallsu sal-aħħar ta' din is-sena. B'Kollox hemm 77 kontravenzjoni li 70 minnhom ser jithallsu sa Diċembru li ġej filwaqt is-sebgħa l-oħra ser jitħallsu sa Frar 2017 peress li kellhom żewġ multi tas-sigaretti. It-total ta' dawn is-77 kontravenzjoni jammonta għal €26,739.85.

4.3 Il-President, is-Sur Michel Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-ġurnata ta' qabel, it-Tnejn 22 ta' Awwissu 2016, is-Sinjura Elizabeth Vassallo, għaddiet il-pagamenti tas-salarji tal-impjegati sa Ġunju 2016.

4.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, fakkar lill membri preżenti kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil li għandhom jinġabru tliet kwotazzjonijiet dwar il-mobile toilets. B'kollox għandu jkun hemm ħames mobile toilets sabiex jitpoġġew f'San Ġiljan, tas-Sliema, il-Gżira, l-Imsida u l-Pieta'.

4.5 Kien hemm qbil bejn il-membri li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal xhar biss sabiex dawn jitpoġġew għal Settembru biss. Dawn għandhom ikunu mnaddfin spiss matul il-ġurnata u għandhom ikollhom il-logo tar-Reġjun sabiex in-nies tkun taf li din kienet inizjattiva tar-Reġjun.

4.6 Kien hemm qbil ukoll sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li mhux ser ikollhom użu tal-mobile toilet fil-lokalita, jistgħu jinfurmaw lir-Reġjun meta

jkollhom attivita' u jixtiequ li jkun hemm mobile toilet.

Malli jinaġabru tliet kwotazzjonijiet, dawn ser jintbagħtu għall-attenzjoni tal-membri u tingħata lill-irħas offerta.

## 5. Komunikazzjoni mill-President

**Komunikazzjoni mill-President**

Xejn.

## 6.. Korrispondenza

**Korrispondenza**

**6.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun irċieva ittra mingħand is-Sur David Soler f'isem il-Kumitat Konġunt tal-Lvant. F'din l-ittra huwa spjega kif l-ammont ta' €34,732.00 huwa n-net book value. Dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-accountant ta' dan ir-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex jiggwidana jekk dan ir-rapport hux aċċettabli għall-awdituri. Kien hemm qbil li għandna nimxu skont il-parir tal-accountant.

**6.2** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, żiediet tgħid li fl-ittra oriġinali l-Kumitat kien talab għall-ispejjeż li kienu saru sabiex sar l-uffiċċju tat-Tribunal. Is-Sinjura Galea kienet sabet pagament ta' €120,000 li kien sar fl-2012 pero ma kien hemm l-ebda dokument anness mal-kopja taċ-cheque. Għalkemm talbet lis-Sur Simon Cauchi, li kien l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien, dan ma kellu l-ebda informazzjoni oħra.

**6.3** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li wara li dan ir-Reġjun bagħat l-iskedi ta' ħlasijiet lil-LESA ta' bejn Jannar 2016 u Ġunju 2016 bl-ammonti dovuti lir-Reġjun. Nhar il-21 ta' Lulju, is-Sinjura Vassallo nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li preżentament il-LESA hija obbligata tirrifuża s-salarji tar-Reġjun u Tribunal biss u mhux l-ispejjez amministrattivi tar-Reġjuni.

**6.4** Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, irrimarka li s-sitwazzjoni ma tistax tibqa sejra hekk u dan ir-Reġjun ma jistax jibqa' fl-għama dwar ser jiġri.

**6.5** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li sa dakinhar stess, malli wasal għall-laqgħa is-Sur Adrian Mifsud, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, staqsiet lis-Sur Mifsud jekk kienx hemm xi żviluppi dwar dan. Huwa qal li l-ewwel ser jaraw l-istampa ta' l-aġenzija, LESA, kif ħa tkun malli tagħlaq sena mit-twaqqif tagħha f'Ottubru, umbad

ser ikun hemm komunikazzjoni wara.

6.6 Il-President, is-Sur Michael Fench Adami,spjega li fil-ġimgħat li għaddew dan ir-Reġjun għamel eżerċizzju u nduna li hem 89-il kontravenzjoni fejn l-ittra ta' petizzjoni kienet saret manwali u fejn dawn qatt ma kienu ġew aġġudikati. Dan ġie rappurtat minnufieħ lid-Direttur tad-Dipartiment, lis-Sur Adrian Mifsud, kif ukoll lis-Sinjura Elizabeth Vassallu sabiex dan ir-Reġjun jingħata direzzjoni u jara minn ser jerfa' din ir-responsabiltā.

6.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar l-email mingħand is-Sur Tabone dwar inizjattivi fuq fondi Reġjonali post-2020. Dan ir-Reġjun qabel li għandu jidħol għal din l-inizjattiva.

6.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar Ċirkulari numru 11/2016 – Inizjattivia Finanzjarja – Espressjoni ta' interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilita'. Kien hemm qbil li dan ir-Reġjun għandu j'applika sabiex ikollu impjegat/a fuq bażi part-time sabiex jgħin fix-xogħol klerikali.

## 7. Mistoqsijiet

Mistoqsijiet

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**8.1** Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magde Magri Naudi, sekondata mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 72A u 72B. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**8.2** Għal din ir-raġuni, is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 72A u Nru 72B. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 9. Affarijiet Oħra

Affarijiet Oħra

9.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li matul din il-ġimgħa ser jitqassmu DVDs li ntbagħtu mill-AKL, f'isem Il-OHSA – Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xogħol, dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Dawn id-DVDs għandhom jingħataw lir-residenti.

Aġġornament

## 10. Aġġornament

**10.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm u ġet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2016, fil-5:30pm.

**Stefan Cordina**
*Viċi-President*

**Jeanette Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **13 ta' Settembru 2016**